



2023/2497

16.11.2023

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2497**

**tal-15 ta' Novembru 2023**

**li jemenda d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-konċessjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE <sup>(2)</sup>, il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern <sup>(3)</sup> konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern emendat ("il-Ftehim") huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Il-Ftehim japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jiġhaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti") stipulati fih u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/23/UE huwa li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti, li japplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Sabiex ikun żgurat li l-limitu għall-konċessjonijiet stipulat fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/23/UE jikkorrispondi għal-limitu għall-konċessjonijiet stabbilit fil-Ftehim, jeħtieġ li l-limitu stipulat f'dik id-Direttiva jiġi rivedut.
- (3) L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/23/UE jeħtieġ li kull sentejn il-limiti jiġu riveduti mill-Kummissjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti għas-snin 2024–2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.
- (4) B'konsegwenza, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Skont l-Artikolu 9(3) ta' dik id-Direttiva, il-limiti riveduti feuro u l-valuri korrispondenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-bidu ta' Novembru. Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2014/23/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, "EUR 5 382 000" huwa sostitwit b'"EUR 5 538 000".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern. (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---